MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2012

Numru. 710/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARIE CAMILLERI**
**VS**
**OMISSIS OMM**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-omm Omissis, omm ta' omissis, mart Omissis missier, bint omissis imwielda omissis, imwielda omissis, residenti numru omissis residenza u detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru omissis.

Illi hija akkuzata talli:

1. Fis-17 ta' Mejju 2002 u fi zmenijiet precedenti, f'omissis rahal jew/u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnha wkoll jekk fi zmenijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew

maghmula b'rizoluzzjoni wahda, sawwtet lil bintha Minuri H, minorenni.

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ikkagunat feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Minuri H skond ma ccertifika Dr. J. M. Farrugia M.D. u Dr. M. Mangion M.D., MRCP (Paed.) ta' l-Isptar San Luqa;

3. U aktar akkuzata talli fis-17 ta' Mejju 2002, u fi zmenijiet precedenti, f'omissis rahal jew/u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zmenijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, irrendiet ruhha komplici fir-reat ta' korruzzjoni b'eghmil zieni ta' persuna ta' taht l-eta' u cioe bintha minuri Minuri H liema reat sar b'theddid minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew mill-missier jew l-omm addottivi, jew mit-tutur tal-missier, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta- l-Avukat Generali a fol 8, u dak dak ta' l-omissis omm a fol 6 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda ta l-Ispettur Edel Marie Camilleri jirrizulta illi Marianne Gauci mill-*Appogg* infurmat lill-Pulizija dwar kaz ta' abbuz sesswali u fiziku fuq tifla ta' tlettax-il sena. Ghalhekk Spettur Camilleri u WPS24 Josephine Gauci tkellmu mad-dirigenti ta' l-*Appogg* sabiex jiehdu l-isfond tal-kaz. Il-minuri, certu Minuri H, li tbati minn *Speech Impediment*, kienet qedgha taht *Interim Care Order*. L-Ispettur Camilleri xhedet illi il-minuri Minuri H taghtha

informazzjoni dwar allegat abbuz sesswali minn missierha, u minn huwha Minuri B,

**"Pero fuq l-omm qalet affarjiet posittivi, fis-sens illi fuq l-omm innegat illi kien hemm xi tip ta' abbuz mill-omm.**

**Pero hi qalet li gieli taghtha xi daqqiet, giet *battered* ."**

L-Ispettur Camilleri ikkonfermat lill-omissis omm irrilaxxat stqarrija DOK EMC 1.

L-Ispettur Camilleri xhedet illi mill-investigazzjoni taghha irrizulta illi l-membri tal-familja ta' Minuri H kienu sawtuwha u li l-minuri sostniet li anka ommha **"gieli tatni"** a fol 15. L-omissis omm, fl-isqarrija taghha, ammettit illi gieli reffghet idejha fuq bintha u dan biex tikkoregiha meta kienet tilbes ilbies mhux xieraq jew meta kienet tkun trid tohrog kmieni filghodu biex tmur id-dar tal-hbieb taghha.

WPS24 Josephine Gauci,(a fol 29) ikkonfermat illi hija kienet tkellmet mal-minuri Minuri H, flimkien ma' l-Ispettur Edel Marie Camilleri u ikkonfermat ukoll illi il-minuri sostniet illi, ommha (l-omissis omm) gieli tatha xi daqqa go wiccha b'idejha. Il-minuri ilmentat ukoll illi l-omissis omm gieli baghtitha l-iskola minghajr kollazjon. F'din l-intervista l-minuri allegat illi missierha u hutha kienu isawtuwha u li missierha u huwha abbuzaw minnha sesswalment.

Dr. Sharon Camilleri, (a fol 36 et seq) *Clinical Psychologist* ezebit ir-relazzjoni taghha DOK SC (vide fol 46 et. seq), u kkonfermat illi *Cognitive Ability* tal-minuri Minuri H kien ferm taht in-normal u kisbet marka wahda biss, mentri in-normal jiksbu marki bejn sebgha u tlettax minn massimu ta' ghoxrin marka. Hija xhedet illi l-minuri kellha *Learning Disability* konsiderevoli, fejn it-tifla ma tidistingwix bejn ir-realta' u l-fantasija apparti li kellha *speech defect* qawwi li jaghmilha difficli sabiex din it-tifla tinftiehem.

A fol 55 il-minuri, Minuri H xhedet illi dak iz-zmien kienet tattendi l-iskola omissis skola. Hija xhedet li kellha habiba certu Omissis habiba illi maghha kienet fethet qalbha. A fol 58, Minuri H xhedet illi ommha kienet issawtha bil-martell fuq saqajha. Il-minuri xhedet ukoll illi ommha kienet thalliha gewwa, waqt li il-familja kollha kienu johorgu u hi kienet tispicca dejjem imbikkija. A fol 59, **Minuri H xhedet illi hija kienet tohrog m' Omissis habiba is-Sibt u l-Hadd,** u fit-tmienja kienu jirritornaw lura dar. Il-minuri xhedet illi Omissis habiba kienet ghamlet telefonata, u l-ghalliema taghha u l-Kap ta' l-iskola taghha kienu baghtu ghall–ommha u missierha, u ghaz-Ziju Z. A fol 63, il-minuri xhedet illi ommha kienet issawatha fuq dahrha u xaghrha .

Fit-tieni xiehda taghha Minuri H ikkonfemat illi ommha kienet issawatha **" jiena inhit u hi taghti ,"**a fol 72.

A fol 73, Minuri H xhedet illi ommha kienet issawatha **"fuq dahri , iggebidli xaghri bdiet ittini bic-cinturin… fuq dahri u fuq dirghajja … fuq il-patata u fuq kuxtejja"** u dan ghaliex hija ma riditx tghin lill-ommha fil-facendi.

Il-minuri xhedet illi missierha kien hadha ghand ommu biex tibda tghix hemmhekk izda hija bdiet tibki u riedet tmur id-dar. A fol 77, Minuri H xhedet illi missierha kien issawtha bic-cinturin , jaqbadha minn xaghrha u jsawwatha fuq dahrha u fuq idejha u li sahhansitra kien tefalha il-*mobile phone* taghha u kissirulha, u din grat darba wahda biss a fol 78.

A fol 78 sa 82 il-minuri irrakontat rigward l-abbuz sesswali li allegament sar fuqha minn missierha u minn huwha Minuri B li huwa meritu ta' proceduri kriminali ohra.

A fol 83 Minuri H xhedet illi il-habiba taghha Omissis habiba kienet prezenti meta ommha kienet sawtitha bic-cinturin u bil-martell. Hija xhedet illi omm Omissis habiba kienet bdiet taghmillha il-*lunch*, **ghaliex l-omissis omm kienet taghmilha il-*lunch* hazin.** A fol 85 Minuri H xhedet illi ommha **ma ghamlitilix *lunch* darba wahda**

**biss**. A fol 86 Minuri H xhedet illi **gieli kienet tarmi il-*lunch* illi kienet tkun ghamlitilha ommha.**

Fit-tielet xiehda taghha a fol 88 Minuri H cahdet illi ghal-laqgha li sehhet l-iskola kien hemm omm Omissis habiba. Innegat ukoll illi iz-Ziju Z kien prezenti ghall din il-laqgha. Minuri H xhedet illi kienet marret id-dar ta' Omissis habiba xi tlett darbiet, u li Omissis habiba kienet giet id-dar taghha darba wahda biss.

A fol 91 Minuri H **iddikjarat illi filfatt ommha qatt ma kienet sawtitha bil-martell.** Minuri H xhedet illi ommha kienet sakritha darbtejn u hallietha wahedha, u hi kienet tibza wahedha u kienet iccempel lill-Omissis habiba u toqghod tibki fuq it-*telephone*, u baqghet issostni li ommha thit, u kellha magna kbira u li tixtri il-materjal tal-hjata minn fuq il-monti .

A fol 102 Minuri H **xhedet illi hi kienet thobb lill ommha u lil Minuri B u riedet tmur lura dar, u li kienet iddejqet ghand is-sorijiet.**

A fol 104 Minuri H affermat illi **mhux vera kellha *mobile phone,*** izda kienet qalet hekk daqs kemm xtaqet illi ikollha wiehed.

A fol 106 **Minuri H bdiet tibki ghaliex xtaqet li tirritorna lura ghand il-genituri taghha**.

A fol 106 tinnega illi Omissis habiba **qatt** marret id-dar taghha.

A fol 107 Minuri H xhedet illi Omissis habiba **tigi id-dar taghha hafna drabi**.

A fol 107 Minuri H **xhedet illi s-swat bil-martell u ic-cinturin kienu veru.**

A fol 108 Minuri H tallega illi l-omissis omm sawtet lil hutha Minuri B u Minuri C bic-cinturin .

A fol 109 Minuri H xhedet illi meta ommha tirrabja maghha, tibghata f'kamritha.

**Minuri H tinnega li qatt ma refghet idha fuq ommha; Tinnega li qatt qabdet sikkina kontra ommha.**

A fol 113, Minuri H xhedet illi **gieli nizzlet fil-kcina bil-qalziet ta taht biss u minghajr *bra*** u dan wara, li innegat b'mod ripetut li qatt nizlet isfel liebsa mhux xieraq.

A fol 115 Minuri H xhedet illi kien hemm ragel illi kien qieghed isegwiha wara l-iskola, u li ommha kienet cemplet lill-Pulizija fuq dan kollu. A fol 115, tghid illi **il-genituri taghha qatt ma sakkruwha** id-dar, u kien Minuri B illi ghamel dan.

A fol 119 Minuri H innegat illi missierha qatt talabha biex tinza jew immolestha sesswalment.

A fol 119 et seq Minuri H xhedet illi kien huwha Minuri B illi ghamel dan u li din kienet ir-raguni ghaliex missierha qalliha illi se johodha tghix ghand in-nanna.

A fol 123 Minuri H **ikkonfermat illi riedet tmur tghix mal-genituri taghha.**

Omissis omm 2 a fol 128, omm Omissis habiba ikkonfermat illi Omissis habiba u Minuri H kienu hbieb. Omissis omm 2 ikkonfermat illi Minuri H kienet tigi id-dar taghha f' xi sitta ta' filghodu u kienet tibda tibki ghax ma kelliex *lunch* u ghalhekk Omissis omm 2 kienet tippraparalha *lunch* hi. Dan kien jigri ta' spiss ghalmenu darba fil-gimgha. Wara nofsinhar, Minuri H kienet tigi ghandha ghal-habta tat-tlieta allavolja kienet tghidilha biex tigi aktar tard sabiex it-tfal ta' Omissis omm 2 ikunu jistghu jaghmlu il-*homework*. Omissis omm 2 xhedet illi f'okkazzjoni minnhom, wara *outing* tal-muzew, hija kienet kostretta izomm lill-Minuri H ghandha ghaliex, ma kien hemm hadd omissis residenza. Omissis omm 2 ikkonfermat illi gieli rat xi marki fuq il-persuna ta' Minuri H izda meta kienet tistaqsi, Minuri H kienet tghidilha li waqghet minn fuq is-sellun. Omissis omm 2 xhedet a fol

132, illi meta kellmet lill-omissis omm dwar in-nuqqas ta' *lunch* ta' Minuri H, l-omissis omm qaltilha illi dejjem kienet tlestilha il- *lunch*.

A fol 134 Omissis habiba Omissis omm 2 ikkonfermat illi Minuri H kienet ghamlet zmien fl-iskola taghha u li kienet tigi kwazi kuljum id-dar taghha. Omissis habiba Omissis omm 2 xhedet illi gieli rat il- *lunch* ta' Minuri H li kien ikun biz-zejt biss. A fol 137 Omissis habiba xhedet illi kienet marret ghandha darba wahda u rat il-gwardarobba ta' Minuri H b'toqba kbira li allegatament saret b'daqqa kbira minn hu Minuri H. Ikkonfermat illi gieli rat tbengil fuq saqajn Minuri H. Omissis habiba xhedet illi Minuri H kienet tibza' minn missierha u li kienet qaltilha illi missierha u huwha l-kbir kienu sawtuwha. Omissis habiba ikkonfermat illi gieli qabdet lill-Minuri H f'xi gidba imma fuq xi affarjiet zghar, ikkonfermat ukoll illi Minuri H u hi kienu jinhabbu hafna, tant li kienu qishom ahwa.

Dr. John Mary Farrugia a fol 152, ikkonferma l-griehi ta' Minuri H li kienu jikkonsistu fi tbengila f'saqajha , fuq ghajnejha ix-xellugija, girfa fuq saqajha il-leminija u tbengila zghira fuq il *forearm,* Dr. Farrugia ikkonferma illi ma kien hemm ebda sinjal ta vjolenza, brix jew feriti fil-parti genitali tal-minuri u ikkonferma id-DOK JMF a fol 155 sa 157.

Dr. Mariella Mangion a fol 158 ipprezentat ic-certifikat mediku DOK MM a fol 163. Ikonfermat il-*Severe Speech Impairment* u il-griehi ta' natura hafifa illi indika Dr. Farrugia iktar il-fuq. Hija ikkonfermat illi **ma kien ebda griehi jew hmura fil-partijiet genitali tal-minuri, li kellha il *hymen* intatta.**

Fit–tieni xhieda taghha Dr. Sharon Camilleri a fol 175 kienet tal-opinjoni illi il-minuri ma kelliex problemi sabiex tiddistingwi bejn realta' u fantasija. Mistoqsija mil-Qorti kemm il-darba regghetx ezaminat lil minuri mix-xhieda precedenti taghha, Dr. Sharon Camilleri irrispondiet fin-negattiv, (vide fol 176).

omissis ex *mother superior* ta' *omissis house* ikkonfermat illi waqt li kienet fl-Istitut, Minuri H kellha imgieba tajba u ma tantx kienet isemmi lil membri tal-familja taghha hlief illli semmiet illi, darba wiehed minn hutha kien weggahha.

Omissis kap ta` skola (a fol 204), ikkonfermat illi Minuri H kienet tattendi l-iskola taghha li kienet tkellimha permezz tal-*facilitator* u li f'okkazjoni minnhom dehret agitata u li kienet bil-guh u ghalhekk Omissis kap ta` skola kienet xtratilha xi *sandwiches* mit-*tuck shop*.

Omissis kap ta` skola (a fol 207) xhedet illi fit-tielet gimgha ta'Mejju 2002, hija kienet rat lill Minuri H ecitata u Minuri H qaltilha li kienet thalliet bla hwejjeg fl-ghaxija u ghalhekk cemplet lis-*Social Workers*.

*Omissis sister* (a fol 215 et seq), Soru tal-Ursolini xhedet illi Minuri H kienet damet madwar sitt xhur tghix f'House taht il-kura taghha. Hija xhedet illi meta Minuri H dahlet f'House, hija kienet ssemmi li kienet tigi msawta l-aktar minn huwha u missierha. Kienet tghid li kienet qed tigi abbuzata u marbuta. *Sister* xhedet illi Minuri H kienet semmiet li ommha kienet tqabbadha taghmel xi facendi u jekk ma taghmilhomx ttiha xi *punishment* jew daqqa. *Sister* xhedet illi fil-bidu, Minuri H kienet tidher mdejjqa u mixtieqa mill-familja taghha izda wara ftit aggustat ruhha tajjeb fil-*Home*.

In kontro ezami *Sister* nnegat li Minuri H kienet tifla ribelluza. *Sister* xhedet illi Minuri H semmiet biss illi ommha gieli tatha xi daqqa meta hija ma kienitx tobdi.

Ex-Spettur Emanuel Camilleri (a fol 221) kkonferma l-istqarrija tal-omissis omm DOK EMC1.

L-,omm Omissis, omm xhedet illi bintha kellha diversi problemi, fosthom *speech defect* u li kienet hadet lil bintha CDAU ghal dan il-ghan. Hija xhedet illi kienet tipprova tifhem dak li tghidilha bintha izda mhux dejjem kien jirnexxielha. L-omissis omm xhedet illi hija kienet tipprova tikkoregi lil bintha Minuri H izda din kienet tissupervja. L-omissis omm xhedet illi bintha kienet tkun trid tohrog

b'dublett qasir u *blouse* skullat u hi, bhala omm, kienet tikkoregiha. Minuri H b'reazzjoni ghal dan, kienet tissupervja taqbad tghajjat, tigdem idejha , taghmel il-ponn u toffendi lill omissis omm b'ommha li kienet mejta. (a. fol 235)

L-omissis omm xhedet illi hija kienet tlesti l-kolazzjon ghal bintha u tippreparalha il-hobz ghal-iskola **ta' kuljum** bhalma kienet taghmel ghal membri l-ohra tal-familja taghha. Hija xhedet illi Minuri H kienet **tinsisti li tohrog mid-dar fis-sitta u nofs ta' filghodu** (6.30am) sabiex tmur ghand il-habiba taghha Omissis habiba **alavorja il-*bus* tal-Iskola kienet tigi ghallihom fis-sebgha u nofs ta' filghodu** (7.30am). L-omissis omm xhedet illi gieli kkoregiet lil Minuri H u tatha xi daqqa b'idejha, fuq riglejha.

L-omissis omm xhedet illi hija kienet titlob lil bintha Minuri H biex tghinha fil-facendi izda din kienet tirrabja, u terfa idejha fuqha (fuq ommha). F'okkazzjoni wahda sahansitra qabdet sikkina ghaliha.

L-omissis omm xhedet illi hija kienet tipprova tghallem lil bintha fuq lbies decenti. Hija xhedet li kienet tikkoregi lil bintha meta kienet toqghod f'kamritha bil-qalziet ta'taht biss u dan minhabba l-prezenza ta'subien hutha. A fol 241 l-omissis omm semmiet li kienet ssib certi oggetti fil-kamra ta'bintha u hija kienet tiddixxiplinaha.

L-omissis omm xhedet illi hija gieli sabet tbengil fuq riglejn bintha u meta kienet tistaqsi lil bintha, din kienet tghidilha li waqghet.

L-omissis omm xhedet a fol 243 li kienet tistaqsi lil bintha fuq l-injama u c-carruta li hija kienet issib fil-kamra ta' bintha, izda din qatt ma tatha spjegazzjoni. L-omissis omm xhedet li qatt ma rat lil bintha f'kuntatt intimu ma xi hadd. Hija xhedet li binha Minuri B gieli gibdilha l-attenzjoni, li Minuri H ma kienetx liebsa suret in-nies u hi (l-omissis omm) kienet tikkoregiha mill-ewwel.

L-omissis omm nnegat li zewgha qatt sawwat lil bintha fil-prezenza taghha jew li rabatha b'xi habel.

L-omissis omm kkonfermat li binha Minuri B gieli rabat lil Minuri H b'habel minn ghonqha, u taha xi daqqtejn b'injama u wadbilha xi affarijiet, u li hi u zewgha dejjem ghamlu ghalih.

L-omissis omm xhedet illi Minuri B gieli dahal fuq ohtu f'kamritha u mess sider ohtu.  Hija suspettat li seta' messilha l-parti genitali taghha b'idejh.  Hija kienet taghmel ghalih u twissi lil binha.

A fol 249, l-omissis omm xhedet illi zewgha gieli  ta lil Minuri H b'injama.

Fil-kontro ezami (xhieda tad-9 ta'Mejju 2008) Minuri H xhedet, li dak li qalet precedentement quddiem il-Qorti ma kien veru kien  veru xejn u kien kollu xoghol Omissis habiba li qalet t-*trouble*.

Fix-xhieda taghha ta' 7 ta'Ottubru 2008, Minuri H xhedet illi ommha gieli ppreparatilha il-hobz u nesietu; gieli hadithu maghha u ramietu; u gieli l-hobs ma kienx jkun kif jogghob lilha u ghalhekk kienet tarmih.

Minuri H nnegat li ommha kienet ssawwatha pero qalet li gieli qalet hekk lil shabha tal-iskola.

Hija xhedet illi missierha biss kien jsawwatha.  Minuri H xhedet illi hi u huwha z-zghir minuri C, gieli laghbu loghba tal-qattus u kelb fejn minuri C kien jaghmel habel m'ghonqha f'din il-loghba, u ghalhekk gieli wegghhat b'dan il-mod. Minuri H affermat li ommha kienet tghidilha biex ma jibghux jilghabu din il-loghba izda huma xorta wahda kienu baqghu jilghabu din il-loghba.  Minuri H xhedet illi kienu graw affarijiet koroh u kien jkollha hafna dwejjaq tant illi kienet xebghat tghix id-dar (a fol 10). Minuri H xhedet illi missierha kien ghamillha affarijiet psatas, li ma kienux jghogbuha izda hija qatt ma qalet lill-ommha  x'kien qed jigri.

A fol 15 Minuri H kkonfermat li ommha kienet titmahha, tiehu hsiebha, tara li kienet nadifa u anka tifitta fid-dixxipllina u fis-sura ta’ hwejjigha.

Minuri H xhedet illi huwha Minuri B ukoll ghamel affarijiet psatas maghha u li ommha ma kienetx taf dwar dan hlief meta dahlet fuqhom. Hemmhekk kienet ghamlet ghal Minuri B u baghtithu go kamartu bhala *punishment* ( a fol 16). Din grat darba.

Fit-tieni xhieda taghha l-omissis omm ikkonfermat li bintha kienet tinsisti li tmur ghand il-habiba taghha Omissis habiba qabel ma tmur l-iskola. Kkonfermat li kienet tikkoregi lil bintha minhabba lbies taghha u gieli tatha daqqa hafifa bi njama rqieqa sabiex tikkoregiha.

L-omissis omm xhedet illi Minuri H kienet tinsisti li tilbes *mini- skirt* li kienet xtratilha meta kellha anqas minn ghaxar snin, li minhabba li bintha kienet twalet, kien jigiha qasir hafna. L-omissis omm xhedet illi hija dejjem indokrat lill-ulieda inkluz lil Minuri H u haditha ghand it-tobba, skond il-htiega.

Ghalkemm ammettiet li gieli kienet tat xi daqqa lil Minuri H b’injama irqieqa, l-omissis omm sostniet illi din kienet tkun xi daqqa hafifa u mhux goffa.

Ghal regward tal-agir ta’ binha Minuri B, l-omissis omm xhedet **illi dan kien sehh f’okkazzjoni wahda biss** u li ma kisbitx l-ghajnuna ta xi *counsellors* ghaliex ma kienetx taf bl-eziztenza ta’dan it-tip ta’ servizz.

L-omissis omm xhedet fuq il-kondizzjoni tal-widna xellugija ta’Minuri H u l-htiega ta’kura specjali meta Minuri H kienet tarbija. Hija sostniet illi dejjem kuratha u meta kellha bzonn nuccali haditha biex dan isir. L-omissis omm xhedet illi Minuri H kienet zvilluppat kmieni tant li t’ghaxar snin bdiet timmenstruwa.

Minuri H fix-xhieda taghha tas- 7 t’Ottubru 2008 kkonfermat li kienet rikoverata fl-Isptar *Monte Carmele*.

L-omissis omm, fix-xhieda taghha tas-7 t'Ottubru 2008, kkonfermat li bintha kienet rikoverata f'*Monte Carmele* il-ghaliex kienet qed tkun aggressiva fil-konfront taghha (tal-omm) u sahansitra kienet qabdet sikkina ghaliha.

Omissis facilitator, *Facilitator,* xhedet illi kienet ilha taf lil Minuri H ghal hames snin.

Dr. Joseph Saliba, Psikjatra, kkonferma li Minuri H kienet fl-Isptar Monte Carmele mit-22 ta'Mejju 2007 sa 28 ta' Gunju 2008. D-dijanjozi kienet ta' *learning disability* u *mildly subnormality* u kienet tbghati minn *conduct disorder, unsocialised conduct*. Dr Saliba xhed illi Minuri H kienet tivinta stejjer.

Minuri H regghet giet rikoverata fl-Isptar *Monte Carmele* fl-20 t'Awwissu 2008 u kienu qed isiru arrangamenti sabiex Minuri H tmur toqghod *f'sheltered accommodation.*

Dr. Saliba ikkonferma li Minuri H kienet lmentat fuq l-agir tal-missier imma qatt ma tat dettalji dwar dan u implikat ukoll li kien isir swat da parti tal-omm meta din ma tkunx tista ssib tarf bintha. Dr. Saliba kkonferma **li Minuri H kienet tifla difficli hafna u li l-familja taghha ma kellhomx *coping skills* sofistikati.**

Dr.Saliba xhed illi l-ambjent f'*Monte Carmele* jimmassimizza l-imgieba tajba fil-pazjenti, il-ghaliex dawn jafu li johorgu biss jekk jgibu ruhhom sew. Illi dan huwa mankati ghal kollox meta pazjent ikun id-dar bhal kaz ta'Minuri H.

Dr. Mark Xuereb, kkonferma t-*Treatment Order* li nharget fuq Minuri H fil-21 ta' Mejju 2007. Dr. Xuereb ikkonferma illi l-minuri kienet tbati minn nuqqas ta' zvilupp ta' mohh u kkonferma li ma kienitx taf tqis, tirraguna u ma kienitx tasal ghal *a rational decision*. Huwa ikkonferma illi il-verzjonijiet tal-allegat abbuz kienu jinbidlu u ma kien ikun hemm ebda konsistenza fl-allegazzjonijiet taghha. **Huwa kkonferma li kienet tbati minn *mental retardation* u li kienet suggestibbli hafna.**

Dr. Psaila Savona, tabib tal-familja ghal xi hmistax-il sena, ikkonferma illi l-familja kienu f'livell socjo ekonomiku taht il-medja u li il-minuri jekk ma kienitx addirettura *mentally retarded,* kellha *IQ* baxx hafna.

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda fuq prodotta, huwa evidenti illi l-omissis omm kienet rinfaccatta f'sett ta'cirkostanzi li ikkreaw xenarju li kull genitur jibza' anka johlom dwaru. Dan qieghad jinghad il-ghaliex din il-minuri Minuri H hija tifla illi hija *mentally retarded* u zvilluppat fizikament kmieni hafna tant li meta kien ghadd kellha bejna ghaxra u hdax –il sena, din kellha s-sura ta'tfajla ta' tmintax – il sena. Illi dan l-izvilupp fiziku kmieni, fid-dawl tal-*mentally retardation,* u in vista tal-fatt illi din il-minuri kienet tbati minn *speech defect* gravi li kien jaghmilha difficli hafna sabiex din it-tifla tikkomunika, holoq problemi kbar ghall-omm u ghal familja taghha il-ghaliex kien difficli hafna sabiex din it-tifla tigi mghallma u tifhem dak li huwa mistenni minnha fi mgieba li hija acccetabbli ghas-socjeta'. Hekk perezempju din it-tifla kienet tintelaq fil-kamra taghha liebsa biss il-qalziet ta' taht; jew tohrog mil-kamra tal-banju nofsha gharwiena; kienet tinsisti li tilbes *mini-skirt* illi kien mixtri lilha qabel ma hi kellha ghaxar snin. Din l-omm, illi gejja minn familja ta' livell socjo ekonomiku ferm taht il-medja, b'edukazzjoni minima u wkoll b'*Intelligence Quota* taht il-medja, kellha tirrinfacca dan kollhu u tikkumbatti suspetti allarmanti li binha u zewgha setghu kienu qedghin ibbabsu lil din it-tifla f'sens sesswali.

Din l-omm irreagixxit billi ghamlet hilitha biex tikkoregi u trazzan lil binha u fil-fatt ghamlet ghalih. Fl-istess hin hija pprovat trazzan u tikkoregi lil bintha billi tatha daqqiet b'injama irqiqa fuq riglejha. (vide stqarrija tal-omissis omm) b'mod pero illi jeccedi dak illi huwa accettabli fis-socjeta' tal-llum. Dan qieghad jinghad il-ghaliex m'huwiex accettabli, u ebda Qorti ma tista' taghlaq ghajneha ghal

genitur, li biex jikkoregi lill-ulied, isawwtu b'injama, albeit injama irqiqa, u b'daqqiet hfief.

Il-Qorti rat u ezaminat ic-certifikat rilaxxat minn Dr.Farrugia u ix-xhieda tieghu ghal rigward il-griehi fuq il-minuri Minuri H li kienu jikkonsistu biss fi tbengil u grif f'saqajha. Huwa klassifika dawn il-griehi bhala ta' natura hafifa.

Din il-Qorti pero, ma ssib ebda evidenza illi din l-omm, mifnijja b'dawn il-problemi, irrendiet ruhha komplici fir-reat ta' korruzzjoni ta'minorenni bintha. Ma hemmx xrara ta' evidenza illi l-omm ghenet, iffacilitat, assistit, anke b'xi mod remot, ghal korruzzjoni sesswali ta' din it-tifla. Dak illi jirrizulta lil din il-Qorti huwa illi meta dahhalha suspett illi binha Minuri B (minuri ukoll) seta' kien qieghed jaghti fastidju sesswali lill-ohtu, l-omissis omm dahhlet fuq iz-zewg uliedha ghal gharrieda u ghamlet ghalihom b'mod serju.

Din il-Qorti tixtieq taggungi il-fatt li l-omissis omm ghamlet dak kollhu li kien possibli sabiex tikkumbatti ic-cirkustanzi koroh li il-familja taghha sabet ruhha fihom. Il-fatt li l-omissis omm ma talbitx ghajnuna minn *Social Workers* tal-Appogg u / jew Psikologi adetti mal-istess, il-ghaliex ma kienitx taf illi dawn jeziztu, ma jirrendix lill-omissis omm komplici fir-reat tal-allegat korruzzjoni ta' bintha.

Illi di piu din il-Qorti segwit il-progress ta' din il-minuri fit-tul u cioe' miz-zmien illi kienet tqieghdet taht *Care Order*, iz-zmien li kienet rikoverata fl-Isptar *Monte Carmele* sakemm din il-minuri inghatat akkomadozzjoni assistita u b'wens, fejn tinstab alloggata llum.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti issib lill-**Omissis omm**, hatja tal-ewwel u tieni akkuza, mhux hatja tat-tielet akkuza li minnha tiliberha u wara li rat Artikoli 221, 339(1)(h) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-omissis omm taht **Ordni ta' *Probation* ghall-perjodu ta' tmintax –il xahar (18),** taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew

*Probation Officer* iehor minnu nominat, u dan ukoll sabiex l-omissis omm tigi mharrga f'*parental* u *coping skills*.

Il-Qorti tordna lill-*Probation Officers* nominati jiprezentaw rapport tal-progress o meno tal-omissis omm kull erba' xhur.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, ic-cirkustanzi sfortunati ta' dan il-kaz, il-Fedina Penali nadifa netta  tal-omissis omm.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-*Probation Services*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------